**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 463/17AL

**Ab**
**Vs**
**cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. ILLI l-partijiet iżżewġu nhar l-erbgha ta' Awwissu tas-sena elfejn u wiehed (04.08.2001) **ara dok. IG 1**;

2. ILLI minn dan iż-żwieġ twieldet tifla u cioe PJ nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (21.12.2002);

3. ILLI r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huma sodisfatti *stante*:

i. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tlettax ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (13.08.2009) in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Susan Mercieca (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bħala '**Dok. IG 2**');

ii. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-ġurnata, qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;

iii. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment stante li l-manteniment dejjem gie imhallas;

4. ILLI dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-*affidavit* hawn anness u immarkat bħala '**Dok. IG 3**'.

5. ILLI għall-finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qiegħed jiġi rilevat li l-partijiet huma domiċiljati f'Malta u għandhom ir-residenza tagħhom f'Malta;

Talbet, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun *a tenur* tal-Artikolu 66 A *et seq* tal-Kaptitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. TIPPRONUNZJA l-ħall ta' żwieġ li ġie ċelebrat mill-partijiet fl-erbgha ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (04.09.2011);

2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha jikkonferma :

Illi l-intimat qieghed jaghti ruhu b'notifikat bir-rikors tar-rikorrenti;

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbgha ta' Awwissu tas-sena elfejn u wiehed (04.08.2001);
2. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat tlettax ta' Awwissu elfejn u disgha (13.08.2009) fl-atti tan-Nutar Dottor Susan Mercieca b'dana ilhom separati madwar disgha snin;
3. Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, il-kundizzjonijiet elenkati ghall-hlas ta' manteniment qeghdin jigu rispettati, u f'dan l-istadju m'hemmx arretrati, u ghaldaqstant l-esponenti ma jopponiex ghax-xoljiment taz-zwieg tal-kontendenti;
4. Illi l-esponenti jaqbel illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u l-partijiet illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. Illi l-esponenti m'ghandux oggezzjoni illi dan iz-zwieg tieghu mar-rikorrenti jigi xolt;
6. Ghar-rigward ta' l-ispejjez, l-intimat jitlob li ma jbaghtix l-ispejjez tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar, 2018;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Awissu, 2009;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.